Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1401/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.
GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Ottubru, 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru :** 1401/05ISB

John Xerri ID 477578(M)

Vs

Nathalie Chetcuti

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta’ Gunju, 2005 fejn wara illi gie premess (1) illi fl-14 ta’ April 2005, ghall-habta tal-hamsa u hmistax il-minuta ta’ wara nofsinhar filwaqt illi s-Sur John Xerri kien qieghed isuq l-vettura tieghu tal-marka Honda Civic bin-numru ta’ registrazzjoni DOC 861, fi Triq Dun Karm Birkirkara huwa kien involut f’incident awtomobilistiku mal-vettura tal-marka Subaru Mudel M80 bin-numru ta’ registrazzjoni CBI 402 misjuqa mill-konvenuta, (2) illi l-imsemmi incident sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta, (3) illi b’rizultat ta’ l-istess incident, John Xerri garrab hsarat fil-vettura tieghu ammontanti ghas-somma ta’ sitt mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u disa` u erbghin centezmu (Lm682.49) kif jirrizulta mis-surveyor report anness u mmarkat (Dok A), kif ukoll mill-istima mahruga minn Automart fit-18 ta’ Mejju 2005 annessa (Dok B), (4) illi minkejja l-ittra legali mibghuta lis-Sinjorina Nathalie Chetcuti fid-19 ta’ Mejju, 2005 sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni u l-assigurazzjoni ta’ responsabbilita` da parti taghha hija baqghet inadempjenti u ghaldaqstant it-Tribunal gie mitlub (a) jiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident hawn fuq imsemmi u ghad-danni kollha li garrbet il-vettura ta’ l-attur bhala konsegwenza ta’ l-istess incident, (b) jikkundannaha thallas lill-istess attur is-somma ta’ sitt mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u disa` u erbghin centezmi (Lm682.49) rapprezentanti l-ammont ta’ danni kkawzati jew somma verjuri li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq. Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn ecceppiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes, billi fl-ewwel lok l-incident tat-traffiku

in kwistjoni ma’ garax tort u htija tal-esponenti, u billi fit-tieni lok id-danni pretizi mill-attur huma ghal kollox esagerati. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

Sema` t-trattazzjoni ta’ l-abbli Avukati difensuri u ra illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidra :

Illi l-vertenza hija dwar kollizzjoni stradali u t-Tribunal irid jara jilqax it-talba attrici ghall-hlas tad-danni wara li jistabilixxi ta’ min kienet ir-responsabbilita` ghall-incident de quo.

Illi harsa lejn l-isketch (a fol 25) u kif ukoll ghad-deskrizzjoni tal-hsarat (a fol 24) mill-ewwel tpoggi s-sitwazzjoni ta’ bumper to bumper accident – vettura laqtet minn wara vettura ta’ quddiemha. Sa hawnhekk ma ghandux ikun hemm problema.

Illi l-verzjoni moghtija lill-attur lill-Warden li nvestiga l-incident (fol 22) tkompli tikkonferma dan – pero` l-kwistjoni tqum meta wiehed jara l-versjoni tal-konvenut (wkoll fol 22) meta jghid illi l-incident donnu sehh peress illi vettura DBC 861 qabbdet u kissret mill-*lane* ta’ gewwa ghal dik ta’ barra quddiemha, minghajr senjalazzjoni biex mbaghad waqaf f’daqqa minhabba t-traffiku.

L-attur fix-xhieda tieghu (fol 32 et seq) ikompli jishaq fuq il-versjoni tieghu, anzi jghid illi “fuq il-By-pass ta’ B’Kara, kont il-hin kollu fuq il-lane mac-centre-strip”.

Minn naha taghha, l-konvenuta wkoll tibqa` ssostni l-verzjoni taghha u tghid (fol 50 et seq) illi kienet qed izomm distanza ta’ madwar karozza u nofs/zewg karozzi mill-vettura ta’ quddiema, pero` “f’daqqa u l-hin, il-vettura ta’ l-attur qasmet il-korreggjata minn mal-bankina ghan-naha tac-centre-strip, gie quddiemi u ma kelliex cans nibbrekja bil-konsegwenza illi lqattu minn wara”. Aktar tard tghid

wkoll illi "l-attur dahal fl-ispazju ta' bejni u l-vettura ta' quddiemi". Il-konvenuta ikkonfermat l-isketch a fol 25 tal-process u kkonfermat illi l-vetturi kienu hekk meta gie l-warden.

Id-distanza ta' karozza u nofs mill-vettura ta' quddiemha li kienet qed izomm il-konvenuta kienet wkoll konfermata mix-xhud Tracey Bonnici (fol 46) illi kienet fl-istess vettura tal-konvenuta. L-istess xhud ikkonfermat il-verzjoni shiha tal-konvenuta.

Mil-fatti kollha prodotti u mix-xhieda tal-istess partijiet kif korroborati minn xhieda ohra u mid-dokumenti, it-Tribunal jsibha difficli ferm jifhem illi vettura tidhol kexxun minn lane ghal ohra f'distanza ta' vettura u nofs/tnejn l-aktar.

Kieku l-hsara tal-vettura Honda DBC 861 kienu aktar koncentrati fuq in-naha ta' wara tal-lemin – il-versjoni tal-konvenuta kienet taghmel aktar sens. Imma l-mod kif instabu l-vetturi wara l-incident (konfermata mill-istess konvenuta) u l-lok fejn jinsabu l-hsarat fuq il-vetturi – huma kollha provi illi juru illi d-daqqa kienet fuq il-faccata ta' wara tal-vettura DBC –861 u fuq il-faccata ta' quddiem tal-vettura CBI – 402.

Dan kollu jaghmilha difficli illi titwemmen il-versjoni tal-konvenuta u ghalhekk it-Tribunal ihoss illi l-versjoni ta' l-attur hija aktar verosimili – b'dan illi r-responsabbilita` ta' l-incident de quo ghandha tigi moghtija esklussivament lill-konvenuta.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-konvenuta tecepixxi wkoll illi d-danni riklamati huma esagerati.

Illi f'dan ir-rigward, il-konvenuta ma ressqet ebda xhieda jew provi u t-Tribunal irid jistrieh fuq ix-xhieda u d-dokumenti prodotti mill-attur.

Illi s-surveyor Colin Cassar ikkonferma s-*survey report* esebit u qal (fol 42) illi s-somma hemmhekk indikata

teskludi l-VAT u l-*loss of use*, oltre l-fatt illi s-somma moghtija ghall-parts hija 'approximate'.

It-Tribunal jikkunsidra illi l-parts jidher li swew Lm110 (vide Dok B – fol 37) u mhux Lm85 kif stmati. Ghalhekk jekk mic-cifra ta' Lm460.16 jitnehhew il-Lm85 u jizdiedu Lm110 din iggib stima ta' Lm485.16, eskluz il-VAT li jammonta ghal Lm87.32, total ta' Lm572.48.

It-Tribunal iqis illi ma tressqet l-ebda prova ta' kemm tiswa hames t'ijiem *loss of use*, u lanqas ma gie ppruvat mill-attur d-differenza bejn is-somma mitluba u l-ammont indikat fis-survey report x'jirrapprezenta.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, t-Tribunal iqis illi s-somma riklamata mill-attur hija in effetti esagerata u gew ippruvata biss id-danni fl-ammont ta' hames mija u tnejn u sebghin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm572.48).

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti, ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` l-ewwel talba attrici u jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident de quo, u jilqa` limitatament t-tieni talba filwaqt illi jilqa` t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u jikkundanna lill-istess konvenuta thallas biss l-ammont ta' hames mija u tnejn u sebghin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm572.48) lill-attur.

Bl-imghax mid-data tal-lum u bl-ispejjez illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------